MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2007

Numru 134/2007

Il-Pulizija
(Sp Alfred Mallia)
vs
Abuzeid Buzeid Etarhuni, iben Buzied, imwieled il-Libja fit-18 ta' marzu, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-13 ta' frar, 2007 għal ħabta tas-1.15 a.m. fil-Floriana kkometta serq ta' kaxa bl-għodda u mobile Nokia minn ġewwa vettura Land Rover, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAH 398, għad-dannu ta' Bertrand Agius u coat minn ġewwa vettura Subaru, bin-numru tar-reġistrazzjoni GBD 109, għad-dannu ta' Anabel Mifsud li l-valur globali tagħhom huwa ta' iktar minn minn mitt lira maltin (Lm100) iżda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000)

liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fl-istess ċirkostanżi xjentement laqa’ għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ frar, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta’ serq miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannahx għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------